*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 74**

**It-Tnejn 23 ta' Lulju 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Elizabeth Cassar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**74.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**74.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar.

**74.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 72 tal-20 ta' Ġunju 2018:***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-18:16.***

**74.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 9 artiklu 72.8.3 għandha tinbidel u issir kif ġej:

***" Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni ."***

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u s-Sindku is-Sur Mario Calleja ssekonda hekk kif ġew emendati. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**74.2.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 73 tal- 27 ta' Ġunju 2018:***

- ***Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħlu għal laqgħa fit-18:18.***

**74.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 4 artiklu 73.7.10 għandu jinbidel u jsir kif ġej:

***"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fil-laqgħat preċedenti kienu tkellmu illi l-materjal jitneħħa minn fuq il-baħar u mhux jgħaddu bih mit-toroq iżda fir-rapport imħejji mil-Perit tal-iżviluppaturi ma hemm imsemmi xejn. Huwa ġibed l-attenzjoni rigward l-għoli tal-lukanda iżda t-tweġiba kienet (min-naħa tal-kuntratturi) li l-liġi tippermetilom sa 13-il sular pero issa hemm talba ukoll għal penthouse."***

**74.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 5 artiklu 73.7.14 għandu jinbidel u jsir kif ġej:

***" Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi s-serviced apartments huma parti mill-lukanda għax hawn min meta jsiefer jgħażel li jikri serviced apartments u mhux lukanda u huwa tal-opinjoni li ma nistgħux ninpeduh milli jagħmel dawn l-appartamenti diment li dawn jibqgħu iservu ta' lukanda."***

**74.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paġna 4 artiklu 73.7.13 u qal illi għandha tinbidel u ssir kif ġej:

*''**Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li la issa jaf kemm ser jkun hemm units kemm residenzjali u kemm tal-lukanda huwa ma jaqblix mal-proġett ħolistiku għaliex huwa massiv ħafna. Huwa kompla jgħid illi bl-ammont ta' units residenzjali ser iżżid il-problema tat-traffiku u l-parkeġġ, ser ikun hemm żieda fil-familji u ma hemmx biżżejjed spazju u s-servizzi ma jifilħux għal din iż-żieda kollha.''***

**74.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 4 artiklu 73.7.10 għandha tinbidel u issir kif ġej:

***''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li bejn il-pjanti li ppreżenta fil-laqgħa mal-Kunsill u dawk li issottometta minn 7 sulari tela għal 9 sulari.''***

**74.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar irrimarka illi fil-laqgħa 72 kif ukoll fil-laqgħa 73 hu kien preżenti pero mhux imniżżel fil-minuti bħala preżenti.

Il-Minuti ġew emendati.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard ssekondat hekk kif ġew emendati. Il-votazzjoni kienet 8favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**74.2.8** Il-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard staqsiet fuq artiklu 72.2.4 paġna 2 fiex wasal il-bandli minħabba li rat li kien hemm xi korrispondenza mal-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-punt ser jiġi diskuss fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

**74.2.9** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 artiklu 72.2.12 u qal illi kien hemm progress mill-Pulizija speċjalment fil-bajja għalkemm reġa kien hemm problema bil-caravans li saħansitra ramaw fuq is-simenta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Pulizija żgur li mhux qed jagħmlu r-ronda fi Triq ix-Xatt għaliex f'kull zebra crossing illi hawn qed ikun hawn il-karozzi ipparkjati fuqha kompla jgħid illi għalhekk kien hemm bżonn li issir il-laqgħa mas-Supretindent sabiex ninfurmawh bil-ħafna nuqqasijiet illi hawn fil-Lokal.

Is-Sindku qal illi hu kien ltaqa mas-Supretindent hu minħabba li ma kienx hemm qbil fil-ħin tal-laqgħa u hu tkellem għan-nom tal-Kunsill kollu meta infurmah bin-nuqqasijiet illi hawn pero jħoss illi hemm bżonn li ssir laqgħa oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk il-Pulizija mhux jirnexxilhom jagħmlu ronda tajba allura hemm bżonn illi nqabbdu l-wardens speċjalment fil-weekends sabiex mhux jintefgħu fis-side streets iżda jmorru fi Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi f'Raħal Ġdid kien hemm problema kbira bin-nies jipparkjaw bl-addoċċ u din ġiet riżolta meta saru ic-CCTV cameras.

Is-Sindku qal illi hu ma jaqbilx illi persuna tiġi mħarka minn fuq ritratt għaliex jista jkun hemm ħafna raġunijiet għaliex persuna jkun ipparkja bl-addoċċ u mhux neċessarjament għaliex kienet intenzjonata.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-laqgħa plenarja kien hemm preżenti d-Direttur tal-LESA fejn dan qal illi hu ltaqa ma kull Kunsill u ma jidirlux illi hu ltaqa mal-Kunsill ta' Marsaskala.

Is-Sindku qal illi hu ltaqa miegħu kemm il-darba u kemm il-darba infurmah illi l-wardens għandhom ikunu preżenti fil-qalba tal-Lokal u mhux fis-side streets.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi s-sitwazzjoni dejjem qed tigrava għaliex m'hawnx dixxiplina u n-nies saru aktar arroganti.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu lid-Direttur tal-LESA sabiex il-wardens jibdew jinżlu fi Triq ix-Xatt speċjalment fil-weekends.

**74.2.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq artiklu 72.2.3 paġna 2 u qal illi l-kunċert ta' William Mangion ser isir fit-8 t'Awwissu 2018 u mhux fl-20 ta' Lulju 2018.

**74.2.11** Is-Sur John B Camilleri qal illi rigward paġna 4 artiklu 72.2.8 l-ammont ta €5000 li mhuwiex il-kont finali pero bejn wieħed u ieħor dak hu l-ammont tal-fustun sħiħ,kompla jgħid illi għalkemm qbilna illi issir il-parti sad-dar il-ħamra dis-sena u l-kumplament is-sena d-dieħla nistgħu nkellmu lin-Nexos sabiex nagħmluh kollu din is-sena u nħalsu l-parti mid-dar il-Ħamra sa quddiem il-bandli ta' Żonqor s-sena d-dieħla.

Kien hemm qbil unanimu.

**74.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 72.2.11 u staqsa jekk intbgħatitx l-ittra lil-Lands Deparment.

Is-Seretarju Eżekuttiv infurmah illi l-ittra nbtgħatet pero għad ma rċivejna xejn lura.

**74.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 72.2.15 u qal illi hemm bżonn li jsir xi ħaġa fuq il-breakwater.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-works division għamlu biss wieħed minn tlieta.

Is-Sindku qal illi hu kemm il-darba bagħat lill-Ministru fejn dan jispiċċa jgħaddija lil dipartiment oħra u jibqa ma jsir xejn, kompla jgħid illi d-dipartimenti mhumiex jagħtu kasna.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu ittra lid-Dipartiment ikkonċernat kif ukoll ninfurmaw lill-pubbliku permezz ta' Facebook u ninfurmawhom illi kemm il-darba mhux ser tittieħed l-ebda azzjoni ser issir konferenza stampa min naħa tal-Kunsill.

**74.2.14** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 artiklu 72.2.7 paragrafu 6 u staqsa fiex wasal ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi l-works order nħarġet u kellu jinbeda x-xogħol.

**74.2.15** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 3 artiklu 72.2.5 hu qal illi hu ser jivvota kontra l-pagament tal-Kuntrattur tal-*istreet sweeping* għaliex ma jistax ikun illi nibqgħu sejrin hekk. Hu qal illi l-knis xorta mhux qed isir kif suppost apparti l-fatt illi ma hemmx kontroll fuq il-ħinijiet tal-kenniesa, u kompla jgħidl illi kemm il-darba ilmentajna pero l-Kuntrattur mhux jagħti każ l-ilmenti li qed ikun hemm kemm min-naħa tal-Kunsilliera kif ukoll tar-residenti. Għalhekk hu jħoss illi hemm bżonn jibdew jinħarġu d-*default notices*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irridu noqgħodu attenti għaliex default notice tinħareġ meta ma jkunx hemm mod ta' kif l-kuntrattur jista jirrimedja l-ilmenti li jkunu qed isiru.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard qalet illi kemm il-darba ġbidna l-attenzjoni rigward in-nuqqasijiet u kien kollu għalxejn.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jintbagħtlu l-aħħar avviż u jinħarġulu d-default notices minn issa ' l quddiem fuq nuqqasijiet.

**74.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**74.3.1** **<u>Dettalji tal-arbli tad-dawl fil-Bandli taż-Żonqor:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi l-arbli tad-dawl fil-bandli taż-Żonqor mhux ser jilħqu jkunu mwaħħlin sal-ftuħ uffiċjali tal-bandli dan minħabba l-fatt illi l-kuntrattur dam biex ordnahom u allura mhux ser jilħqu jaslu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk is-sistema tad-dawl fil-kamra tad-dawl saritx, u qal dan peress illi kien għad hemm ħafna cables għaddejien u sostna li x-xogħol f'din il-kamra għandu jkun lest qabel ma jinfetaħ il-ġnien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu tkellem mas-Sur Joe Borg tan-Nexos fejn infurmah illi hemm timeframe tax-xogħol, Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri mar fuq il-post u anke informa lill-Enemalta sabiex isir is-shifting tad-dawl.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill-Kunsilliera illi kien hemm problema bil-madum li jrid jitwaħħal għaliex il-Kuntrattur kien ġab sample ta' maduma u allura kien deċiż liema madum ser isir. Il-kuntrattur issa kien qed jissuġerixxi li minflok din ic-cement tile isir jew pavimentar jew imprinted concrete iżda kien ċert li ħadd mill-Kunsill ma kien tah l-approvazzjoni għal dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta mar hu kienu qed iwaħħlu l-paviment griż bejn il-madum u r-rubber flooring.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi f'waħda mill-emails mibgħuta mill-Perit kienet tgħid illi l-għoli fil-filati ta' taħt ir-railing kienet deċiżjoni li ttieħdet fil-presenza tal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud meta kienu marru fuq il-post flimkien mal-Perit pero dan mhux il-każ, u li kieku stess dan kellu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv qabel ma tittieħed deċiżjoni bħal din.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi jekk il-Perit ma marx jara li x-xogħol mhux isir kif suppost ir-responsabbillita` hija tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-kuntratt hemm imniżżel il-multi għal kull ġurnata li tinqabeż milli jsir ix-xogħol rikjest.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fit-19:43.***

Kien hemm qbil unanimu illi s-Segretarju Eżekuttiv ikellem lill-Perit kif ukoll lill-Kuntrattur biex jirrimedja fuq is-sitwazzjoni tar-railing kif ukoll tal-madum.

74.3.2 **Ċirkulari Numru SPI 9/2018- Skema finanzjarja favur il-komunita'-Libreriji:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill Kunsill illi rċibvejna applikazzjoni sabiex issir manutenzjoni fil-librerija u l-Kunsill iħallas nofs l-ammont li ma jaċċedix is-€600.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 74.5 Rapporti

### 74.5.1 Rapporti ta' kull kwart April sa Ġunju 2018:

L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Calleja spjegat ir-rapport ta' kull kwart għal perjodu April sa Ġunju 2018.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

## 74.7 Korrispondenza.

**74.7.1 L-ittra ta' stedina għal fest ta' Sant'Anna (35/2657/18/I):**

Is-Sindku informa lill-Kunsill biċ-ċelebrazzjonijiet tal-ġimgħa tal-festa.

**74.7.2 Problema bil-culverts fi Triq l-Iskal u soluzzjoni offruta mill-Works and Infrustructure Department :**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma tal-Works Division fosthom mal-Perit tagħhom u pproponew illi jsir il-culvert mill-ġdid u l-ilma jinġabar minn Triq Ġuzeppi Spagnol u jgħaddi mit-turġin pero dan il-proġett huwa skedat għas-sena 2019 fil-frattemp il-Kunsill irrid iqabbad kuntrattur hu sabiex nifthu l-katusi li hemm eżistenti.

Il-Kunsillier Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dan ix-xogħol aħjar isir min naħa tal-works divison għaliex huwa storm water u jaqa taħt il-works division.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkomunikaw mal-Works division u ngħidulhom jekk dan ix-xogħol jistax isir min naħa tagħhom kif ukoll inġibu kwotazzjoni mingħand kuntrattur privat sabiex jiftaħa bil-bowser.

**74.7.3 PA 00054/18 li tikkonċerna applikazzjoni ġo sit il-Munxar se tinstema fit-30/07/2018 (35/2608/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi d-data tas-smiegħ inbidlet u d-data saret fit-30 ta' Lulju 2018.

**74.7.4** **Problema li nqalet fi Sqaq Maħsel (35/2585/18/0):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan l-isqaq huwa privat b'ċens li għad fadallu 80 sena oħra għaliex dan il-persuna ġie l-Kunsill u ġab id-dokumentazzjoni kollha neċessarja. Apparti minn dan l-individwu għandu anke l-art tal-leisure park kif ukoll ġnien David Vella. Il-projetarju qed jitlob kumpens min naħa tal-Lands u dak li ofrewlu mhux kuntent bih u allura kif ra li bdejna naħdmu fi Sqaq Maħsel ġie u waqqafna.

Is-Sindku qal illi wara tkellem miegħu ġew f'kompromess u aċċetta li jħalli l-aċċess miftuħ pero jista jasal żmien li jingħalaq. Il-Kunsill talab lil-Lands biex tagħti widen għat-talbiet ta' dan l-indiviwdu.

**74.7.5** **Klejm għal ħsara fuq vettura liema ħsara saret fi Triq iż-Żonqor k/m Blajjiet (35/2560/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport minn resident fejn kellu inċident u ġarrab ħsarat fil-vettura minħabba ħofra li kien hemm fit-triq.

Kien hemm qbil unanimu illi jingħata kumpens ta' 70% fuq l-ammont mitlub.

**74.7.6** **Proposta għal Yacht Marina u informazzjoni li għandu l-Kunsill s'issa (35/1859/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill irċieva informazzjoni rigward il-yacht marina li hemm proposta f'Marsaskala u infurmawna illi s-swimmer zones xorta ser tibqa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi s-simenta ta quddiem il-knisja fejn isiru l-attivitajiet kien ikun tajjeb illi ninfurmawhom illi ma naqblux li jkun il-post fejn ikun hemm l-operat tal-yacht marina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill m'għandux it-titlu ta' din l-art.

Il-Kunsill Lokali qabel illi fl-istadju ta' Preliminary Market Consultation għandna nibgħatu illi l-Kunsill jisħaq illi s-simenta m'għandha tintuża mill-ebda operatur anke jekk it-titlu tal-art mhuwiex tal-Kunsill kif ukoll nibgħatu lill-Avukat tagħna sabiex jibat lil Transport Malta fejn ngħidu illi l-Kunsill mhux responabbli għal xi inċident li jista jinqala fuq is-simenta filkas li jkun hemm xi nar jew inċident ieħor u jweġġa xi ħadd.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi m'għandna l-ebda garanzija illi l-bajja tista tibqa tintuża għal għawm wara li ssir l-yacht marina u għalhekk lesti li nitilfu l-bajja għal din il-yacht marina?

Il-Kunsill qabel illi nibgħatu lil Transport Malta jekk l-baħar hux ser jibqa tajjeb għal għawm.

**74.7.7** **Żieda fin-notch tas-Sinjura Alexandra Mallia b'mod retroattiv peress li l-Kuntratt kiem imġedded f'Marzu 2017. Dan ifisser li minn Marzu 2018 Alexandra Mallia ġiet fuq kuntratt indefinit.**

Il-Kunsill qabel illi s-Sinjura Alexandra Mallia issa ġiet fuq kuntratt indefinit mal-Kunsill.

**74.8** **Kunsiderazzjon u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:**

**74.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

Joseph Caruana Co Ltd –Consumables li jammonta għal €87.15.

Mr John Camilleri (blacksmith) –Refund of expenses welding on slide Pjazza Mifsud Bonnici li jammonta għal €60.00.

Marsaskala Bocci Club – Consumption of electricity Dental Mobile Unit on 9/10/11 July li jammonta għal €200.00.

Is-Sindku qal illi l-ftehim mal-Club tal-Bocci kien ta €150 pero meta qabdu l-mobile dental unit mad-dawl tal-club tal-bocci dan kien qawwi ħafna u kellhom spiża ta €50 fil-kont tad-dawl.

Catbros Ltd – Pavement works Sqaq Triq il-Maħsel, Triq il-Maħsel, Triq għar ix-Xama, Triq l-Imriekeb, Belisha crossing Triq Guże Pesci, Triq l-Iskal, house connection Triq l-Iskal li jammonta għal €11,761.26 pero ser jingħata nofs l-ammont li hu ta € 5880.63 u n-nofs l-ieħor jingħata meta jiġi ċċertifikat ix-xogħol mill-Perit.

**74.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Petty cash tax-xahar ta' Ġunju 2018.

**74.8.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward pagament numru 5903 All controls and more tac-CCTV's fi Pjazza Mifsud Bonnici ser jitħassar għaliex ix-xogħol għadu ma sarx.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera favur l-approvazzjoni tal-pagamenti ħlief il-pagament tal-Kuntrattur Saviour Mifsud bin-numru 5886 fejn tnejn mill-Kunsilliera ivvotaw kontra minħabba n-nuqqasijiet kollha ta' dan il-kuntrattur.***

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informa lill-Kunsill illi sar jaf min hu s-sid l-post ħdejn il-Knisja fejn kien qed isir tindif fuqu u tkellem miegħu u saqsih jekk isibx problema jekk jiġu mħawwla xi siġar taż-żebbuġ f'din l-area u hu aċċetta.

**74.9** Mozzjonijiet

**74.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (171-15/6/18)</u>**

''Jipproponi li jitkompla x-xogħol fuq id-dawl ornamentali minflok il-fustun''.

Din il-mozzjoni ser tibqa pendenti għalissa għaliex ser isiru xogħolijiet oħra qabel din.

**74.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar It-Tnejn 27 t'Awwissu 2018 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 17 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |